MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 2227/1998/1

**Deirdre u John Cachia**

**vsv**

**Gaba Diamonds Company Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

B'citazzjoni ppresentata fid-29 ta' Ottubru, 1998 l-atturi ppremettew li l-konvenuti krew minghandhom l-fond Fiorita, Valley Road, Msida flimkien mal-garaxx u l-uzu tad-drive-in relattiv u dana skond skrittura privata tas-17 ta' Gunju, 1996 ezebita u markata bhala Dokument A; illi skond l-istess skrittura l-konvenuti kellhom id-dritt li jitterminaw il-kirja matul l-ewwel sena, li ghalqet f'Ottubru 1997, fil-kaz li ma jkunux hargu l-permessi relattivi ghall-uzu tal-fond ghall-kummerc u dan billi fil-kors tal-istess l-ewwel sena jaghtu avviz lis-sidien hawn atturi per mezz ta' ittra ufficjali li huma, l-konvenuti nkwilini, qieghedin javalixxu ruhhom minn dan id-dritt u jitterminaw din il-lokazzjoni; illi l-ebda avviz fis-sens li fuq inghad ma gie moghti lill-atturi tul il-perjodu fuq imsemmi; illi b'ittra ufficjali tal-10 ta' April, 1998 l-konvenuti ppretendew li l-fuq imsemmija kirja kienet giet minnhom validament terminata, liema pretensjoni hija bla bazi fid-dritt billi l-konvenuti naqsu li jaghtu l-avviz mehtieg kif u fil-forma rikjesta skond il-ftehim ta' kera ezistenti bejniethom; illi l-konvenuti huma morusi fil-hlas ta' tnax-il elf lira maltija (LM12,000) rappresentanti sentejn kera bis-sena bil-quddiem ghall-perjodu mill-1 ta' Ottubru, 1997 sat-30 ta' Settembru, 1999; illi ghalkemm interpellati jhallsu l-istess konvenuti baqghu inadempjenti; talbu li l-Prim Awla tal-Qorti Civili:-

1. tiddikjara u tiddecidi li l-kirja fuq imsemmija ma gietx validament terminata mill-konvenuti u dan minhabba l-fatti u fic-cirkostanzi fuq premessi;
2. tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' tnax-il elf lira maltija (LM12,000) rappresentanti sentejn kera bis-sena bil-quddiem ghall-perjodu mill-1 ta' Ottubru, 1997 sal-30 ta' Settembru, 1999 tal-fond fuq imsemmi.

Bl-ispejjes u bl-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.

B'nota tal-1 ta' Dicembru, 1998 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok skond l-istatut tal-kumpanija eccipjenti kif abbinat mal-Artikolu 121 (2) tal-Kapitolu 168 (li kien in vigore fil-mument tal-ftehim in kwistjoni) Anthony

Cremona ma kellux il-poter illi jiffirma wahdu u li jorbot lis-socjeta` konvenuta u ghaldaqstant l-istess ftehim huwa null ‘ab initio’.

2. Illi bla pregudizzju l-istess Anthony Cremona ma kellux awtorita` u lanqas saret risoluzzjoni tas-socjeta` konvenuta li tawtorizzah jorbot lill-istess;

3. Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta` konvenuta itterminat l-istess kirja mhux biss billi baghtet ittra ta’ kongedo tat-13 ta’ Awissu, 1996 lill-atturi ai termini tal-istess skrittura izda ukoll b’diversi modi billi infurmat lir-rappresentant tal-atturi illi l-permess tal-Awtorita` tal-Ippjanar ma kienx hareg u li ma kienux ser jestendu l-kirja.

4. Illi ghalhekk ma hemm ebda kera dovuta stante illi l-kuntratt gie terminat.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tat-8 ta’ Novembru, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili filwaqt li laqghet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, cahdet it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u kkundannat lill-atturi jhallsu l-ispejjes tal-kawza.

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici billi rriteniet li l-iskrittura ta’ lokazzjoni kienet nulla stante li fuqha ma kienx hemm il-firem ta’ zewg diretturi kif rikjest fil-Memorandum and Articles of Association tal-istess kumpanija u l-Kap 168 tal-Ligijiet ta’ Malta li kien ghadu vigenti meta giet iffirmata l-istess skrittura. Inoltre l-ewwel qorti rriteniet li, kuntrarjament ghal dak li kien gie sottomess mill-atturi, il-provi ma kienux jossotanzjaw it-tezi taghhom li, anke jekk irrizulta dan in-nuqqas, l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-imsemmija skrittura kienu jorbtu lis-socjeta` konvenuta.

Fil-konsiderandi taghha l-ewwel qorti ghamlet referenza ghall-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili fejn huwa provdut li lokazzjoni ghall-perjodu ta’ aktar minn sentejn neccessarjament tehtieg il-forma skritta u li sabiex dik l-iskrittura tkun valida trid tkun iffirmata mill-kontraenti kollha. L-ewwel Qorti, ghalhekk, wara li ezaminat l-istatut tas-socjeta` konvenuta kif ukoll il-provvedimenti tal-ligi vigenti fil-perjodu relevanti, irriteniet li tali skrittura ma

kienetx valida nkwantu dawn kienu jirrikjedu l-firma ta’ zewg diretturi tas-socjeta` konvenuta appellata jew, fin-nuqqas, u f’kaz li tali skrittura tigi iffirmata minn persuna wahda, kienet rikjesta resoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ghall-fini tar-rappresentanza legali tal-istess socjeta`.

**L-appell tal-atturi.**

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b’rikors ippresentat fis-27 ta’ Novembru, 2000 talbu li din l-Qorti joghgobha tirrevoka l-precitata sentenza u b’hekk tiddecidi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u tilqa` it-talbiet taghhom, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti.

Fir-rikors taghhom l-atturi qed jirritjenu li, minkejja in-nuqqas ta’ resoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi li tawtorizza lil Anthony Cremona sabiex jidher ghan-nom tal-kumpanija fuq l-iskrittura ta’ lokazzjoni, il-provi kienu juru li l-istess Anthony Cremona, “kellu d-debita awtorita` mis-socjeta` biex jiffirma l-lokazzjoni in kwistjoni anke jekk ma kienetx ittiehdet rizoluzzjoni fis-sens tal-Memorandum u Articles ta’ l-istess socjeta`”. Infatti qed jigi sottomess mill-appellanti li d-diretturi kollha kienu konsapevoli ta’ dak kollu li kien qieghed isir billi wkoll l-istess skrittura ta’ lokazzjoni kienet giet iffirmata fil-presenza tad-diretturi tas-socjeta` wara li dawn kienu ga zaru u raw l-fond li kien qed jigi mikri. Ghalhekk qed jigi sottomess fir-rikors ta’ l-appell li dawn il-fatti, flimkien ma’ cirkostanzi ohra imsemmija fir-rikors promotur, huma konsonanti ma l-accettazzjoni tal-obbligazzjoni naxxenti mill-imsemmija skrittura.

Qed jigi sottomess ukoll li l-*“konkluzzjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti li meta n-nuqqas tad-diretturi rrizulta mid-dokumenti publici tal-kumpanija allura l-att innifsu ma jistax jigi sorrett bil-konsiderazzjoni li t-terzi kienu in buona fede hija zbaljata fil-ligi.”* F’dan ir-rigward l-appellanti qed jissottomettu li l-awtorizzazzjoni li l-Bord tad-Diretturi jaghtu lill-persuna biex tirrapresenta s-socjeta` hija forma ta’ prokura li mhux necessarjament tkun wahda bil-miktub u l-fattispecje tal-kaz juru li mhux biss dak li iffirma kien qed jagixxi entro l-mandat tieghu izda talli “d-diretturi l-

ohra agixxew b'mod li kien jinduci fit-terzi l-konvinciment illi tali awtorizzazzjoni kienet tezisti".

Fir-risposta taghha s-socjeta` konvenuta appellata filwaqt li tikkoncedi "illi l-buona fede hija sostratt u fost wahda mill-elementi tal-kontrattazzjoni" tirribadixxi dak li gie ritenut fis-sentenza appellata li r-rigorosita` tal-ligi in materja ta' kuntratti u l-konsegwenti htiega tal-firem tal-kontraenti, ma jistax jigi sanat bl-agir tal-konsocji l-ohra nkwantu l-atturi appellanti kienu jew kellhom ikunu konsapevoli tal-htigijiet imposti fl-istatut tas-socjeta` appellata.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti.**

Fl-ewwel lok ghandu jigi premess li fl-appell interpost mill-atturi mhux qed tigi kontestata l-htiega ta' skrittura f'lokazzjoni bhal dik li dahlu fiha l-partijiet u lanqas ma qed jigi kontestat li l-istatut tas-socjeta` konvenuta kif ukoll il-ligi vigenti dak inhar kienu jirrikjedu l-firem ta' zewg diretturi, jew ta' wiehed li jkun debitament awtorizzat mill-Bord tas-socjeta`, biex dik l-iskrittura tkun vinkolanti fuq l-istess socjeta`. Dak li qed jigi sottomess mill-appellanti, f'termini semplici, huwa li l-obbligazzjonijiet assunti bl-iskrittura ta' lokazzjoni kontrattata bejn il-kontendenti fis-17 ta' Gunju, 1996 huma vinkolanti fuq is-socjeta` appellata minkejja d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar is-Socjetajiet Kummercjali u dak li jipprovdi l-istatut kostituttiv tas-socjeta` dwar rappresentanza legali u dan billi, l-agir tad-diretturi sew qabel kif ukoll matul l-iffirmar tal-iskrittura, kif ukoll il mod kif agixxiet l-istess socjeta` wara l-iffirmar tal-istess skrittura, jammontaw ghal ratifikar tal-istess skrittura.

Fir-rikors promotur l-appellanti irrilevaw is-segwenti fatti li, skond huma, juru minghajr ombra ta' dubbju li l-awtorizzazzjoni mehtiega kienet tezisti. Dawn kienu:-

1. Illi kien l-istess Segratarju tas-socjeta` konvenuta, Sammy Cremona, li kkonduca t-trattativi u kkonkluda n-negozju;
2. Illi l-kuntratt gie ffirmat fil-presenza tal-erba' diretturi tas-socjeta` konvenuta;

3. Illi Sammy Cremona ha c-cwievet tal-fond u c-cwievet inzammu mill-kumpanija;
4. Illi l-kumpanija hallset b'cheque taghha s-somma ta' sitt elef lira maltija (LM6000) rappresentanti sena kera;
5. Illi s-socjeta` konvenuta applikat ghall-permess fir-rigward tal-fond de quo;
6. Illi Gaba Diamonds Ltd (ossia s-socjeta` konvenuta) baghtet ittra ufficjali, ghalkemm tardivament biex tittermina l-lokazzjoni;
7. Illi kienet is-socjeta` konvenuta li ddepozitat ic-cwievet l-Qorti u dan ippretendiet li taghmlu fit-termini tal-kuntratt in kwistjoni;

Il-fatti fuq riportati huma pienament sorretti mill-provi processwali.

Bil-mod kif gie propost l-appell din il-Qorti trid tezamina principalment zewg aspetti tal-kwistjoni u cioe l-effett tal-buona fede tat-terzi fin-negozjati ma' socjeta` kummercjali u l-possibilita` ta' ratifika tal-istess skrittura da parti tas-socjeta` konvenuta.

**Il-buona fede tal-atturi.**

Huwa minnu, kif gie rilevat mill-ewwel qorti, li l-istatut tas-socjeta` konvenuta huwa pubbliku u facilment accessibbli. Ghalhekk kull minn jikkuntratta ma' socjeta` ghandu d-dmir li jara qabel xejn jekk dik is-socjeta` ghandhiex id-dritt li tidhol ghall-obbligi naxxenti mill-iskrittura jew kuntratt li jkun qed jigi negozjat. Bhala regola, ghalhekk, it-terz li jkun ikkuntratta ma' socjeta` ma jistax fi stadju sussegwenti jressaq bhala skuzanti l-injoranza tieghu tal-provvedimenti tal-istatut tas-socjeta` kemm-il darba jirrizulta li dik is-socjeta` ma kellhiex dritt li tidhol f'tali obbligazzjonijiet. Fil-kaz sottoezami din il-problema ma tirrizultax nkwantu l-istatut tas-socjeta` konvenuta, kif jidher mill-kopja ezebita in atti, jipprovdi li fost l-ghanijiet taghha din tista` takkwista proprjeta` b'kull titolu. Dan jirrizulta mill-paragrafu 4 ossia l-"Objects" clause tal-Memorandum of Association tal-kumpanija appellata li fis-subinciz (b) jipprovdi li l-istess kumpanija ghandha l-ghan "to acquire land and buildings under any title whatsoever

or to take land on lease or any other title as well as buildings for the purpose of carrying on thereat any or all of the businesses mentioned in these objects."

L-Artikolu 3 ta' l-iskrittura tas-17 ta' Gunju, 1996 (Dok A) intitolat – Use of the tenement – jipprovdi espressament li "*The LESSEE shall exclusively utilise the tenement for commercial purposes as stores, shops, offices or workshops. Provided however that the LESSEE is hereby expressely precluded from utilising or permitting the utilisation of the tenement or any part thereof as the residence of any person."*

Minn dan jidher li il-kirja in kwistjoni kienet tidhol fl-ambitu ta' dak li kien jipprovdi l-istatut tas-socjeta` u konsegwentement dak li sar dak inhar tas-17 ta' Gunju, 1996 certament kien *intra vires* l-istess socjeta`.

**Ir-rapprezentanza tas-socjeta`.**
Fid-data tal-iffirmar tal-iskrittura in kwistjoni kien ghadu in vigore l-istatut tas-socjeta` konvenuta presentat fit-3 ta' Novembru, 1972 kif perjodikament emendat. Dan l-istatut pero` ma kienx jipprovdi ghar-rappresentanza legali tas-socjeta` nkwantu l-Artikolu 6 (fol 58) li jitkellem dwar id-diretturi tas-socjeta` jghid biss li l-amministrazzjoni u tmexxija tas-socjeta` hija fdata f'idejn Bord ta' mhux anqas minn tlieta u mhux aktar minn erba' diretturi li dak iz-zmien kienu Austin Camilleri, Guido Giordano u Arthur Satariano.

Sussegwentement Camilleri u Giordano rrizenjaw u minflokhom gew mahtura bhala diretturi Sammy Cremona, Anthony Cremona u Albert Satariano, filwaqt li fl-20 ta' Awissu, 1975 it-tmexxija tas-socjeta` giet fdata f'idejn Bord ta' mhux anqas minn tnejn u mhux aktar minn erba' diretturi. Inkwantu l-istatut tas-socjeta` konvenuta ma kienx jipprovdi dwar ir-rappresentanza legali taghha kien japplika dak li kien hemm provdut fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 121 tal-Kap 168 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe l-Ordinanza dwar is-Socjetajiet Kummercjali, li kienet trid li

meta hemm aktar minn direttur wiehed s-socjeta` ghandha tkun rappresentata minn zewg diretturi.

Jidher ghalhekk li fid-data tal-iffirmar tal-iskrittura in kwistjoni Anthony Cremona kien direttur tas-socjeta`. B'dana kollu dan id-direttur ma setax jirrapresenta lis-socjeta` fl-assenza ta' resoluzzjoni ad hoc tal-Bord tad-Diretturi. Din ir-resoluzzjoni ma jirrizultax li ttiehdet u ghalhekk, l-ewwel qorti rriteniet, li kif gie sottomess fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, l-iskrittura ta' lokazzjoni kienet affetta minn nullita`.

Izda kuntrarjament ghal dak li tipprovdi l-ligi dwar ir-registrazzjoni u pubblikazzjoni ta' l-istatut ta' socjeta` (Art. 16 tal-Ordinanza – gia Kap 168 tal-Ligijiet ta' Malta), liema registrazzjoni u pubblikazzjoni jirrendu l-att kostituttiv tas-socjeta` facilment accessibbli ghall-pubbliku, kull resoluzzjoni mehuda mid-diretturi tas-socjeta` fejn direttur jew sahansitra terz li ma jkunx qed jokkupa tali kariga, jigi awtorizzat jirrapresenta lis-socjeta` fuq atti pubblici jew skritturi li jorbtu lill-istess socjeta`, ma tinghatax il-pubblicita` rikjesta billi mhux mehtieg li tali resoluzzjoni tigi presentata lir-Registratur tal-Kumpaniji. Minn dan isegwi li t-terz ma ghandu ebda possibilita` li jivverifika jekk il-persuna ma min jkun qed jikkuntratta hijiex debitament awtorizzata li torbot il-kumpanija.

Huwa minnu li meta r-rappresentanza fattwali tikkuntrasta mal-provvedimenti tal-istatut tas-socjeta` jew mal-ligi, huwa fid-dmir tat-terz interessat li jitlob konferma tal-mandat tal-parti li tkun qed tirrapresenta s-socjeta`. Biss, meta c-cirkostanzi jkunu tali li jinducu f'dak li jkun il-konvinciment morali u legali li s-socjeta` qed takkonsentixxi ghal dak li qed isir billi, bhal fil-kaz in ezami, jkunu presenti d-diretturi kollha jew il-maggioranza taghhom ghall-iffirmar tal-istess skrittura, kwalunkwe nuqqas tekniku tad-diretturi ma ghandux jippregudika t-terz. Din il-problema giet trattata fil-kapitolu "Protection of outsiders" fil-pubblikazzjoni ta' Charlesworth & Cain – Company Law ($12^{th}$ Ed. 1983). Hemm giet riportata is-sentenza fil-kawza "Royal British Bank v Turquand" li ghandha xebh kbir ghal kaz sottoezami. F'dan il-kapitolu l-

awtur jiddiskuti l-principju li gie enuncjat fis-sentenza imsemmija u jghid hekk:
"*The so called rule in Royal British Bank v Turquand may protect a person dealing with a company (an "outsider") where there is some irregularity in its internal management, e.g. where the board of directors contract with him on behalf of the company without authority......"*
*"A person dealing with a company, even if he does not have actual notice, has constructive notice of the contents of its pubblic documents, such as the memorandum and articles, special resolutions, register of changes and, presumably list of directors, because they are open to public inspection at the Companies Registration Office, <u>but </u>(sottolinear tal-qorti) where the persons entitled to manage its affairs do so in a manner apparenetly consistent with such documents, then, ...... he is not effected by an internal irregularity, e.g. <u>the lack of an ordinary resolution required by the articles as authority for the directors to enter into the transaction.</u> The maxim* ***omnia presumuntur rite esse acta*** *(all things are presumed to have been done rightly) applies."* Minhabba f'hekk l-awtur jikkonkludi li "*the doctrine of constructive notice of the contents of such documents is qualified by the rule in* Turquand's case."

Dan il-principju gie abbraccjat minn dawn il-qrati. Infatti fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili in re "Borg vs Camilleri" deciza fis-7 ta' April, 1997 in sostenn tal-principju legali ingliz intqal li "If the outsider is dealing with the company in good faith, he will be able to enforce any contract made by an agent on the company's behalf, if that agent was acting within his authority, irrispective of any internal or external irregularities in the company's machinery. An agent may bind his principal if he has acted within his actual, implied or apparent, authority."

Din il-Qorti fis-sentenza tat-30 ta' Mejju, 2001 fil-kawza "Farrugia vs Carbone et noe" marret oltre billi rriteniet li ghalkemm kien irrizulta li l-konvenut ma kellux l-awtorita` jiffirma dak il-kuntratt partikolari, xorta wahda sabet lill-kumpanija obbligata u dana peress li, bhala fatt, il-flus hadithom il-kumpanija u wzat il-flus lilha mislufa fl-izvilupp

li kellha (ara Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili). Il-Qorti inoltre osservat li, f'kull kaz, is-socjeta` konvenuta kienet il-beneficjarja tas-self u, ghalhekk, sar akkrexximent fl-assi taghha."

**Ir-ratifika.**
Il-Qorti ta' l-Appell fl-appelli mill-Bord li jirregola l-Kera fis-sentenza moghtija fis-17 ta' Marzu, 2003 fil-kawza fl-ismijiet "Carmen Aquilina et vs Edgar Ellul et" kellha hekk xi tghid in materja ta' ratifika:-.

"*In tema tar-ratifika tacita tajjeb li jigi rilevat illi anke fil-kaz tal-kunsens tacitu il-gurisprudenza irragunat li kien hemm bzonn essenzjalment ta' zewg rekwiziti cioe`* ***li dak li jikkonsenti jkun pjenament konsapevoli tal-vera portata u l-effetti tal-att li jinghad li huwa wiehed (sic) tacitament jikkonsenti jew jaccetta, u di piu` illi l-komportament tieghu jkun tali li jkun inkonciljabbli mal-volonta` tieghu li jzomm fermi d-drittijiet tieghu, b'mod li l-kondotta tieghu ma tistax tigi spjegata b'mod iehor hlief li huwa jkun accetta l-operat li ghalih ikun qed jigi allegat li akkonsenta***". Din il-Qorti taqbel pienament ma' dan.

Issa applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern jidher li s-socjeta` konvenuta, tramite d-diretturi taghha, kienet pjenament konsapevoli tal-vera portata u l-effetti tal-att inkwantu l-istess diretturi li kienu fdati bit-tmexxija u l-amministrazzjoni tas-socjeta` <u>kienu prezenti sew waqt it-trattativi kif ukoll waqt l-iffirmar tal-iskrittura ta' lokazzjoni</u>. Inoltre l-agir ta' l-istess socjeta` bil-hlas tal-kera minn fuq il-kont bankarju taghha, l-applikazzjoni mal-Awtorita` ghall-permessi rikjesti biex jigi gestit negozju mill-fond in kwistjoni, it-tehid tal-pussess tac-cwievet u d-depozitu taghhom fir-registru tal-Qorti wara l-allegata terminazzjoni tal-lokazzjoni, ma jhalli ebda dubbju f'din il-Qorti li l-istess socjeta` ma kienitx **qed izzomm fermi d-drittijiet taghha** dwar il-validita` o meno tal-istess skrittura. Jirrizulta ghalhekk li s-socjeta` konvenuta appellata effettivament

irratifikat l-iskrittura ta’ lokazzjoni b’mod li hassitha marbuta bl-obbligi minnha naxxenti.

L-appell ta’ l-atturi huwa ghalhekk gustifikat.

Dan stabbilit din il-Qorti mhux sejra tghaddi ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici kif mitlub fir-rikors ta’ l-appell billi ghad iridu jigu kunsiderati t-tielet u raba’ eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta billi fir-rigward taghhom la ngabru provi u lanqas ma kien hemm xi pronunzjament fis-sentenza appellata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-atturi qed jigi milquh u s-sentenza appellata revokata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta. Fl-istess hin din il-Qorti tordna li l-atti tal-kawza jergghu jintbghatu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex, fil-kuntest ta’ dak deciza b’din is-sentenza, tkompli tisma’ l-provi u tiddecidi fuq it-talbiet attrici wara li tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet rimanenti tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------